3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata tħallas tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mir-Repubblika tal-Awstrija u għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

4) Ir-Repubblika tal-Awstrija għandha tbati kwart tal-ispejjeż tagħha.

5) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju tad-Danimarka għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(1) ĠU C 402, 27.11.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Ġunju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' l' Högsta förvaltningsdomstolen — L-Isvezja) — Skatteverket vs Memira Holding AB**

**(Kawża C-607/17)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-kumpanniji — Grupp ta' kumpanniji — Libertà ta' stabbiliment — Tnaqqis tat-telf subit minn sussidjarja mhux residenti — Kunċett ta' "telf definittiv" — Amalgamazzjoni-assorbiment tas-sussidjarja mill-kumpannija omm — Leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza tas-sussidjarja li tipprovdi għat-tnaqqis tat-telf fil-kuntest ta' amalgamazzjoni biss lill-entità li tkun sostnietu)***

(2019/C 270/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Högsta förvaltningsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Skatteverket

*Konvenuta:* Memira Holding AB

**Dispożittiv**

1) Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura definittiva tat-telf ta' sussidjarja mhux residenti, fis-sens tal-punt 55 tas-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer (C-446/03, EU:C:2005:763), iċ-ċirkustanza li l-Istat Membru li taqa' taħtu s-sussidjarja ma jippermettix li jiġi ttrasferit it-telf ta' kumpannija lil persuna taxxabbli oħra f'każ ta' amalgamazzjoni, filwaqt li tali trasferiment huwa previst mill-Istat Membru li taqa' taħtu l-kumpannija omm f'każ ta' amalgamazzjoni bejn kumpanniji residenti, ma hijiex determinanti, dment li l-kumpannija omm ma turix li huwa impossibbli għaliha li tivvalorizza dan it-telf billi ssib mezz, b'mod partikolari permezz ta' ċessjoni, sabiex dan jittieħed inkunsiderazzjoni fiskalment minn terz fi snin futuri.

2) F'każ li ċ-ċirkustanza msemmija fl-ewwel domanda ssir rilevanti, huwa indifferenti l-fatt li fl-Istat ta' residenza tas-sussidjarja, ma teżisti l-ebda entità oħra li setgħet tnaqqas dan it-telf f'każ ta' amalgamazzjoni kieku tali tnaqqis kien awtorizzat.

(1) ĠU C 5, 8.1.2018.